MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Numru 804/2006

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Etienne Brincat
Gerolamo k/a Jimmy Buhagiar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Etienne Brincat u Gerolamo k/a Jimmy Buhagiar detenturi ta' karti ta' identita' numru 109376M u 345677M rispettivament, akkuzati talli fl-24 ta' Gunju 2006 ghal habta tal-10:00 a.m. waqt li kienu fil-Fabbrika bl-isem ta' Crafts Creations li jinsab fil-Qasam Industrijali, Rikasoli, Kalkara: -

1. Ikkommettew serq ta' Ghamara u Toys ghad-dannu ta' Emanuel Falzon jew ghad-dannu ta' Malta Industrial Parks liema serq jammonta ghal izjed minn Lm100 u

anqas minn Lm1,000 u dan bi ksur tal-artikolu 261(c,d), 267, 268(a) u 340(c) u (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ serq aggravat bil-valur ta’ Ghamara u Toys, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 41(1)(a), 261(c), 263, 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. kontra l-imputat Etienne Brincat wahdu talli sar recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghu jinsistu fuqha anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputati huma kemm ta’ serq u attentat ta’ serq. Jirrizulta li l-imputati fil-gurnata, hin u lok specifikati fic-citazzjoni dehru f’fabbrika u minn hemm ittrasportaw xi gugarelli u unit tal-kamra tal-banju minn posthom bl-intenzjoni cara u manifestali li jehduhom.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati u wara li rat l-Artikolu 41(1)(a), 261(c), 263, 267, 279(b) tal-Kap 9 fil-konfront taz-zewg imputati u l-Artikolu 49, 50 u 289 fil-konfront tal-imputat Etienne Brincat tiddeciedi li tillibera lill-imputati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------